

Il-Ġurnal Uffiċjali C 404 tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Volum 60

Informazzjoni u Avviżi

29 ta' Novembru 2017

Werrej

IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kunsill

2017/C 404/01	Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2017 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendantorju Nru 6 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017	1
---------------	---	---

Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 404/02	Rata tal-kambju tal-euro	2
2017/C 404/03	Opinjoni tal-Kunitat Konsultattiv dwar ftehimiet restrittivi u pożizzjonijiet dominanti fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' April 2016 dwar abbozz ta' deċiżjoni li tirrigwarda l-Każ AT.39914 — Derivattivi tar-Rati tal-Imgħax f'Euro — Relatur: Franzia	3
2017/C 404/04	Rapport Finali tal-Ufficijal tas-Seduta — Il-Każ AT.39914 — Derivattivi tar-Rata tal-Imgħax f'Euro (EIRD) (Riżoluzzjoni) — Emenda tal-multa imposta fuq Société Générale	4
2017/C 404/05	Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' April 2016 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Il-Każ AT.39914 — Derivattivi tar-Rata tal-Imgħax f'Euro) (notifikat bd-dokument C(2016) 1995)	5

PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 404/06

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8680 — Bain Capital/Toshiba Memory Corporation) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata⁽¹⁾

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

IV

(Informazzjoni)

**INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA**

IL-KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-27 ta' Novembru 2017

**li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendantorju Nru 6 tal-Unjoni Ewropea
għas-sena finanzjarja 2017**

(2017/C 404/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flim-kien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbi għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (¹) u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

Billi:

- il-baġit tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2017 ġie adottat definittivament fl-1 ta' Diċembru 2016 (²),
- fid-9 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li fiha l-abbozz ta' baġit emendantorju Nru 6 għall-baġit ġenerali għas-sena finanzjarja 2017,
- għall-ħtiġijiet relatati mal-amministrazzjoni tat-Teżorerija nazzjonali, jeħtieġ li jiġi adottat mingħajr dewmien l-abbozz ta' baġit emendantorju Nru 6 għall-baġit ġenerali għall-2017. Għaldaqstant, huwa ġġustifikat li jitqassar il-perijodu ta' tmien għimgħat għall-informazzjoni tal-Parlamenti nazzjonali kif stipulat fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1, f'konformità mal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill,

IDDEĊIEDA KIF ĆEJ:

Artikolu Uniku

Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendantorju Nru 6 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017 ġiet adottata fis-27 ta' Novembru 2017.

Jista' jinkiseb aċċess għat-test sħiħ għall-konsultazzjoni jew għat-tniżżejjil mis-sit web tal-Kunsill:
<http://www.consilium.europa.eu/>

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Novembru 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

M. MAASIKAS

(¹) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

(²) ĠU L 51, 28.2.2017, p. 1.

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro⁽¹⁾

It-28 ta' Novembru 2017

(2017/C 404/02)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,1888	CAD	Dollaru Kanadiż	1,5208
JPY	Yen Čappuniż	132,24	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	9,2745
DKK	Krona Daniża	7,4423	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,7157
GBP	Lira Sterlina	0,89538	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5983
SEK	Krona Żvediża	9,9060	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 284,43
CHF	Frank Żvizzera	1,1680	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	16,3342
ISK	Krona Iżlandiża		CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,8431
NOK	Krona Norveġiża	9,7450	HRK	Kuna Kroata	7,5435
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	16 053,39
CZK	Krona Ċeka	25,463	MYR	Ringgit Malażjan	4,8786
HUF	Forint Ungeriż	310,99	PHP	Peso Filippin	59,813
PLN	Zloty Pollakk	4,2069	RUB	Rouble Russu	69,2929
RON	Leu Rumen	4,6413	THB	Baht Tajlandiż	38,719
TRY	Lira Turka	4,6684	BRL	Real Brażiljan	3,8287
AUD	Dollaru Awstraljan	1,5619	MXN	Peso Messikan	22,0370
			INR	Rupi Indjan	76,5795

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar ftehimiet restrittivi u pożizzjonijiet dominanti fil-laqħha tiegħu tal-4 ta' April 2016 dwar abbozz ta' deċiżjoni li tirrigwarda l-Każ AT.39914 — Derivattivi tar-Rati tal-Imgħax f'Euro

Relatur: Franza

(2017/C 404/03)

1. Il-Kumitat Konsultattiv qabel li jenħtieġ li l-valuri tal-bejgħ u l-multa jiġu emendati għad-destinatarju.
2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni dwar l-ammont bażiku tal-multa.
3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni dwar l-ammont finali tal-multa.
4. Il-Kumitat Konsultattiv jirrakkomanda l-pubblikazzjoni tal-opinjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea.

Rapport Finali tal-Ufficijal tas-Seduta (¹)**Il-Każ AT.39914 — Derivattivi tar-Rata tal-Imgħax f'Euro (EIRD) (Riżoluzzjoni)****Emenda tal-multa imposta fuq Société Générale**

(2017/C 404/04)

Il-Każ AT.39914 jirrigwarda mgħiba relatata ma' derivattivi denominati f'euro u marbuta ma' ġerti rati tal-imgħax (Euro Interbank Offered Rate u/jew Euro Over-Night Index Average). Fil-kuntest ta' dan il-każ, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C(2013) 8512 final tal-4 ta' Diċembru 2013 (id-“Deċiżjoni ta’ Riżolviment”) skont l-Artikolu 10(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2004 (²) kif emendat (³). Id-Deċiżjoni ta’ Riżolviment sabet li ġerti impriżi (⁴), fosthom Société Générale, ipparteċipaw fi ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE. Din imponiet multa fuq Société Générale.

Fl-4 ta' Frar 2016, Société Générale pprovdiet tweġiba emadata għat-talba tal-Kummissjoni għal informazzjoni rigward il-valur tal-bejgħ minn Société Générale.

Wara li vverifikat din it-tweġiba emadata, il-Kummissjoni, permezz ta' ittra bid-data tal-4 ta' Marzu 2016, tat-l-opportunità lil Société Générale tesprimi l-fehmiet tagħha rigward l-intenzjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni li jipproponu deċiżjoni lill-Kulleġġ tal-Kummissarji li tkun tista' temenda l-multa imposta oriġinarjament fuq Société Générale, sabiex tiġi riflessa l-informazzjoni korretta pprovdu minnha. Fit-8 ta' Marzu 2016, Société Générale ddikjarat li ma kellha ebda kumment dwar il-proposta ta' emenda tad-Deċiżjoni ta’ Risolviment.

L-abbozz ta' deċiżjoni ma jimmodifikax l-oġġeżżonijiet sottostanti tad-Deċiżjoni ta’ Risolviment. Huwa jindirizza biss kwistjonijiet dwar il-multa, li fir-rigward tagħhom Société Générale nghatħat l-opportunità li tesprimi l-fehimiet tagħha. Jiena nikkunsidra li l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet proċedurali sa issa ġie rispettaw fil-proċedura relatata mal-abbozz ta' deċiżjoni.

Brussell, l-4 ta' April 2016

Joos STRAGIER

(¹) Skont l-Artikoli 16 u 17 tad-Deċiżjoni 2011/695/UE tal-President tal-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' Ottubru 2011 dwar il-funzjoni u t-termini ta' referenza tal-ufficijal tas-seduta f'ċerti proċedimenti dwar il-kompetizzjoni (ĠU L 275, 20.10.2011, p. 29).

(²) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2004 tas-7 ta' April 2004 dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 81 sa 82 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 123, 27.4.2004, p. 18).

(³) B'mod partikolari, permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 622/2008 tat-30 ta' Ġunju 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 773/2004, fir-rigward ta' kif jitmexxew il-proċeduri għar-riżolviment f'każi ta' kartelli (ĠU L 171, 1.7.2008, p. 3).

(⁴) Fil-Każ AT.39914 għadhom għaddejjin il-proċedimenti fil-konfront ta' ġerti partijiet oħrajn li ma għażlux il-proċedura ta' riżolviment stabbilita fl-Artikolu 10a msemmi hawn fuq.

Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni

tas-6 ta' April 2016

li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE

(Il-Każ AT.39914 — Derivattivi tar-Rata tal-Imgħax f'Euro)

(notifikat bd-dokument C(2016) 1995)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(2017/C 404/05)

Fis-6 ta' April 2016, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li temenda d-Deċiżjoni C(2013)8512 final tal-4 ta' Diċembru 2013 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-“Trattat”) u l-Artikolu 53 tal-Ftehim li joħloq iż-Żona Ekonomika Ewropea (il-“Ftehim ŻEE”) sa fejn din tikkonċerna Société Générale. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 (¹), il-Kummissjoni qiegħda hawnhekk tippubblika l-is-mijiet tal-partijiet u l-kontenut prinċipali tad-deċiżjoni, inkluża kull piena imposta, fid-dawl tal-interess leġittimu tal-impriżi fil-protezzjoni tas-sigrieti tan-negożju tagħhom.

1. Introduzzjoni

- (1) Id-Deċiżjoni hija indirizzata lil entità ġuridika waħda: Société Générale.

2. Deskrizzjoni tal-każ

2.1. Proċedura

- (2) Id-Deċiżjoni C(2013) 8512 final imponiet multa ta' EUR 445 884 000 fuq Société Générale, wara li nstab li kienet kisret l-Artikolu 101 tat-Trattat u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE billi pparteċipat fi ksur uniku u kontinwu, li taf-fettwa lit-territorju kollu taż-ŻEE, fir-rigward ta' Derivattivi tar-Rata tal-Imgħax f'Euro.
- (3) Fl-4 ta' Frar 2016, Société Générale ppreżentat tweġiba emendata għat-talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-valuri tal-bejgħ.
- (4) Permezz ta' ittra bid-data tal-4 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni informat lil Société Générale li beħsiebha tadotta deċiżjoni li temenda d-Deċiżjoni C(2013) 8512 final, fuq il-bażi tal-valur tal-bejgħ korrett. Société Générale ddikjarat li ma kellha ebda kumment.
- (5) Il-Kumitat Konsultattiv fil-Qasam tal-Prattiċi Restrittivi u Pożizzjonijiet Dominanti ħareġ opinjoni favorevoli fl-4 ta' April 2016 u l-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni fis-6 ta' April 2016.

2.2. Sommarju tad-Deċiżjoni

- (6) Il-multa lil Société Générale u l-metodu kif ġiet stabilita huma konformi ma' dak li ġie applikat għad-destinatarji l-oħra tad-Deċiżjoni C(2013) 8512 final minbarra l-valuri tal-bejgħ li issa jirriflettu l-valuri tal-bejgħ korretti għal Société Générale.
- (7) Fir-rigward tal-imgħax li akkumula għall-benefiċċju tal-Kummissjoni mill-pagament proviżorju li sar minn Société Générale fis-6 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni tikkunsidra li jkun rāgħonevoli li l-Imgħax fuq l-ammont tat-tnaqqis tal-multa imposta fuq Société Générale jitħallas ukoll lil Société Générale, fejn ikun aktar minn żero.

^(¹) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1). B-effett mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat KE saru l-Artikoli 101 u 102, rispettivament, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

3. Konklużjoni

- (8) Fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni C(2013) 8512 final, il-punt (c) tal-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu huwa sostitwit b'dan li ġej:
- "(c) Société Générale: EUR 227 718 000;"
- (9) L-imgħax fuq l-ammont ta' EUR 218 166 000 tat-tnaqqis li akkumula għall-benefiċċju tal-Kummissjoni mill-pagament proviżorju li sar minn Société Générale fis-6 ta' Marzu 2014, għandu jitħallas lil Société Générale fejn l-imgħax ikun aktar minn żero.
-

V

(Avviżi)

**PROċEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.8680 — Bain Capital/Toshiba Memory Corporation)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2017/C 404/06)**

1. Fit-22 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Bain Capital (l-Istati Uniti tal-Amerika)
- Toshiba Memory Corporation (“TMC”, il-Ġappun).

Bain Capital takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Għaqdiet il-kontroll ta' TMC kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal Bain Capital: ditta ta' investiment b'attivitajiet ffirxa ta' industriji,
- għal TMC: manifattur u fornitur dinji ta' prodotti tal-flash memory NAND u prodotti tas-solid-state-drive (“SSD”) memory għall-użu fvarjetà ta' applikazzjonijiet tal-konsumaturi u l-intrapriżi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (²) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi spċificata:

M.8680 — Bain Capital/Toshiba Memory Corporation

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

(²) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT